Ghoxrin (20) ta' Settembru elf disa' mija tlieta u tmenin (1983).

167

Insinwat 29/9/1983

Ins Vol I No. 7148/1983

Bejn

Il-Qorti

Ra l-kawza fuq imsemmija u ezaminat l-atti tagha;

Rat illi l-partijiet jidhru personalment:

Minn-naha l-wahda:

Arthur Gatt, pensjonant, bin il-mejtin Joseph u Emmanuela nee' Micallef, imwieled Cospicua u joqghod il-Gzira (Numru tal-Karta tal-Identita' 249227 M).

U minn-naha l-ohra:

Mary Anne Gatt xebba, bint [illegible] u Rosaria nee' Muscat, imwielda l-Marsa u toqghod il-Gzira (Numru tal-Karta tal-Identita' 441062 M).

Bis-sahha ta' dan l-att il-komparenti Arthur Gatt qed ibiegh u jittrasferixxi lill-komparenti Mary Anne Gatt, li taccetta, tixtri u takkwista l-flat li ghadu gebel u saqaf li jgib in-numru tnejn (2) formanti parti minn block li qieghed jinbena fuq id-dar bla numru jisimha "Gawhra" [illegible] block huwa bla numru jiggarr "Capricorn Flats" fi Victory Street, Gzira, konfinanti mill-lvant mat-triq, mit-tramuntana ma' beni ta' Charles Brincat u minn-nofsinhar ma' beni tal-venditur stess, liberu u frank u bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu, flimkien ma' sehem indivis tat-tarag komuni u fil-bejt eventwali tal-block, kif ukoll tal-partijiet komuni kollha normali, izda minghajr l-arja libera.

Li l-bejgh qed isir u qed jigi accettat bil-prezz ta' elfejn u disa' mitt lira Maltin (lm 2900) li gia thallsu qabel illum u inghatat ricevuta.

Il-venditur jiggarantixxi l-pacifiku pussess tal-flat mibjugh billi jipoteka l-beni tieghu kollha in generali, presenti u futuri, favur il-kompratrici, li taccetta.

Ghall-finijiet tal-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni tas-sena elf disa' mija tlieta u sebghin (1973) jigi dikjarat illi l-venditur bena dan il-flat fuq art li huwa akkwista min-

ghand il-Baruni Salvino Testaferrata Moroni Viani u ohrajn in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello Du Puis tat-tnejn (2) ta' Ottubru elf disa' mija disgha u sebghin (1979).

Ghal din ir-raguni jiena Nutar hawn taht iffirmat niddikjara li dan il-bejgh mhux soggett ghad-disposizzjonijiet tal-imsemmi Att.

Ghall-finijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti tas-sena elf disa' mija wiehed u tmenin (1981) jigi dikjarat illi l-ammont ta' dan il-kuntratt huwa ta' mitejn u sebgha u hamsin lira u erbghin centezmi (Lm75.40,0).

Dan il-kuntratt qed isir bil-permess tal-Kummissarju tal-Artijiet in forza tal-anness Certifikat markat 'A'.

Maghmul, moqri u pubblikat wara d-debita spjegazzjoni f'Malta, l-Gzira, Victory Street, fid-dar bla numru jisimha "Gawhra".

(ftmat) A. Gatt;

Maryanne Gatt;

Dr. Patrick Critien,
Nutar Pubbliku, Malta.

DEPARTMENT OF INLAND REVENUE
No. 84813
21.9.1983

Received from Not. P. Critien seventy five Malta Pounds forty cents (£M75.40,0) for stamp duty as declared by him to be due on a deed executed in his records regarding sale of immovables at Gzira between A. Gatt and M. Gatt.

(sgd) J. Mercieca, for C.I.R.
Not Dr P Critien.

True Copy

19/1/2024

PATRICK CRITIEN LL.D
Notary Public & Commissioner for Oaths
MALTA

Arkivre Arkivre Arkivre
Arkivre Arkivre Arkivre
Arkivre Arkivre Arkivre
Arkivre Arkivre Arkivre